

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili  
Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Lussemburgu

**Artikolu 18 (a)(i) - I-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu  - ertifikat f'konformit  mal-Artikolu 5**

**Awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri protettivi**

Il-prosekutur pubbliku (*Procureur d'Etat*), skont il-Liġi emendata dwar il-Vjolenza Domestika tat-8 ta' Settembru 2003, u l-President tal-qorti distrettwali (*Tribunal d'Arrondissement*), skont l-Artikoli 1017(1) sa 1017(12) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid.

**L-awtoritajiet li huma kompetenti biex joħorġu  ertifikati:**

Il-prosekutur pubbliku, skont il-Liġi emendata dwar il-Vjolenza Domestika tat-8 ta' Settembru 2003, u l-President tal-qorti distrettwali, skont l-Artikoli 1017(1) sa 1017(12) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid.

**Artikolu 18 (a)(ii) - I-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membru ieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura**

**L-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura protettiva ordnata fi Stat Membru ieħor:**

Il-prosekutur pubbliku u l-President tal-qorti distrettwali (għal pagamenti ta' penali).

**L-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw tali miżura:**

Il-prosekutur pubbliku u l-President tal-qorti distrettwali (għal pagamenti ta' penali).

**Artikolu 18 (a)(iii) - I-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformit  mal-Artikolu 11(1)**

**L-awtoritajiet li huma kompetenti biex jiġi effettwat l-aġġustament tal-miżuri protettivi skont l-Artikolu 11(1):**

Il-President tal-qorti distrettwali fi proċedimenti urġenti.

**Artikolu 18 (a)(iv) - il-qrati li lilhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonoxximent u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformit  mal-Artikolu 13**

**Rikors għal rifjut tar-rikonoxximent** irid jittressaq quddiem il-President tal-qorti distrettwali fi proċedimenti urġenti, skont l-Artikolu 13.

**Rikors għal rifjut tal-infurzar** irid jittressaq quddiem il-President tal-qorti distrettwali fi proċedimenti urġenti, skont l-Artikolu 13.

**Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fi-Artikolu 16(1)**

Il-Lussemburgu jaċċetta l-lingwa Franċiża u l-lingwa Ġermaniża.

L-aħħar aġġornament: 02/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorit  nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbilt  jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deġta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avvi  legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.